MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2785/2002

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Wilfred Kenelly**

**vs**

**Darren Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru, 2002 fejn intalab li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ta' l-incident li sehh fil-21 ta' Frar, 2002 fi Triq il-Gdida, Kirkop, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura AAI-151 li tappartjeni lil John Abela u dahal gol-vettura ta' Timothy Staff numru ta' registrazzjoni EAH-271;**

**L-atturi jitolbu ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltija  u disgha u hamsin centezmu (Lm286.59) ghas-somma ta' danni li l-attur Montaldo Insurance Agency Ltd., hallas in linea ta' danni ghall-istess incident lil Timothy Staff li huwa assigurat mieghu taht polza tip comprehensive;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri kontra s-socjeta` assiguratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm286.59) bl-imghax legali mit-3 ta' Dicembru, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri kontra s-socjeta` assiguratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------